

# MAHATMA GANDHI



1869-1948

- Gandhi twieled fl-Indja fit-2 t’Ottubru 1869.
- Gandhi jissejjaħ ħafna drabi bħala *Mahatma*, li tfisser "Ruħ Kbira". Fl-Indja jsejħulu *Bapu*, li tfisser "missier"
- Il-ġenituri tiegħu riedu jagħtuh l-aqwa edukazzjoni imma hu ma tantx kien iħobbha l-iskola.








- Bħalma kienet id-drawwa fi żmienu, Gandhi kellu jiżżewweġ ta' 13-il sena lil tfajla tamparu jisimha Kasturba. Iż-żwieġ kien miftiehem bejn il-familji u l-koppja baqgħet flimkien sal-mewt.






Huma kellhom erbat itfal. Il-ġenituri ta' Gandhi baqgħu jinsistu li jkompli jistudja u ta' 18-il sena bagħtuh Londra, fejn laħaq avukat.





- Gandhi mar bil-familja tiegħu jaħdem fl-Afrika fejn għamel ħabib ma’ perit Ġermaniż.

- Hemmhekk beda jara ħafna nies ibatu l-faqar u għalhekk beda jikteb fil-ġurnali biex jaqbeż għalihom, imma spiċċa arrestat.



My dear Jawaharlal
You must not be stunned. Rather rejoice that God gives strength & direction to do my duty. I could not do otherwise. As the author of non-cooperation, a heavy responsibility lies on my shoulders. So give me in writing your impressions of Lucknow & Cawnpore. Let me drink the cup to the full. I am quite at peace with myself.
19 9/34
Yours sincerely
M K Gandhi

Gandhiji's writing: right hand





Gandhi issielet biex jipprattika n-non-vjolenza u l-verità dejjem u f'kull sitwazzjoni, u ħeġġeġ lil ħaddieħor jagħmel l-istess. Għex fil-faqar f'komunità residenzjali awto-suffiċjenti u kien jilbes ilbies fqir tradizzjonali Indjan, li kien nisġu hu nnifsu. Kien jiekol ikel veġitarjan sempliċi, u kien jagħmel diversi sawmiet fit-tul kemm biex jissaffa spiritwalment kif ukoll bħala protesta soċjali.





Meta ġie biex joħroġ mill-ħabs, sieħbu tant feraħ li mar xtara karozza ġdida biex jieħdu biha d-dar. Imma meta gandhi ħareġ u raha, dar fuqu u ċanfru: “imissek tistħi mort infaqt dawk il-flus kollha f’karozza ġdida meta taf kemm hawn nies madwarna bil-ġuħ. Qis li tmur iġġib flusha lura. Jien se mmur bil-mixi.” U ħallieh b’ħalqu miftuħ!

